**208. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fench Adami M.P., jipproponi:**

Billi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitkellem dwar id-dritt fondamentali ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni ma jeskludix diskriminazzjoni li ssir minħabba s-sess minn persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi Liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika;

Billi huwa xieraq li l-Kostituzzjoni ta' Malta tiġi emendata biex ma tippermettix aktar diskriminazzjoni minħabba s-sess;

Billi hemm diversi liġijiet li jiddiskriminaw minħabba s-sess u dawn ikunu jridu jiġu emendati biex isiru konformi ma' emenda tal-Kostituzzjoni kif imsemmi hawn fuq;

Din il-Kamra titlob lill-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari biex minnufih iwaqqaf Kummissjoni bl-inkarigu li teżamina x'emendi għandhom isiru fil-liġijiet eżistenti biex titneħħa kull diskriminazzjoni minħabba s-sess.

27.02.1985

**26.02.1985**